# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 7 u 21 ta’ Ottubru 2018 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta’ Novembru 2018 fit-3.30pm.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta’ Diċembru 2018 fit-3.00pm
   Il-Ħadd 6 u 20 ta’ Jannar 2019 fit-3.00pm
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll *brochure* b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-*website*.
7. L-indirizz tal-*website* tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 116 Ottubru 2018 JITQASSAM BLA ĦLAS



**"Fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju, żommu l-kuruna tar-rużarju fuqkom, għidu r-rużarju kuljum. Mhux hawn min jgħid li lanqas jaf jgħidu... Ir-rużarju għandu jingħad kuljum qalb il-familji u jingħad b'devozzjoni."**
**(Ġuża Mifsud)**

## OTTUBRU - IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

F'wieħed mid-diskors tagħha Ġuża Mifsud tgħid, "Il-Madonna qaltli li min iżebbeġ ir-rużarju, idejh jimtlewlu bil-barka t’Alla. Dawk is-sinjali taż-żibeġ tar-rużarju l-Mulej jibdilhom f’ġawhar prezzjuż." It-talb kien ħafna għal qalb Ġuża Mifsud. Kienet tħeġġeġ li nitolbu mhux biss għall-bżonnijiet tagħna imma għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu. Ġuża kellha rabta intima mal-Mulej, kienet tfaħħru b'talb spontanju, imma t-talba tar-rużarju kienet wisq għal qalbha.

Kull laqgħa ta' talb fil-Girgenti dejjem bdiet bir-rużarju. Kemm-il darba Ġuża tkellmet dwar din it-talba tant għażiża. Hemm min jgħid li r-rużarju hija talba monotona, imma dan mhux il-każ jekk inti tagħraf timmedita kull misteru. Meta timmedita l-misteri tkun qed timmedita l-ħajja ta' Kristu. F'dan l-artiklu ser inġib siltiet minn diskorsi ta' Ġuża Mifsud li jgħinuna nimmeditaw fuq il-misteri tal-ferħ u tad-dawl.

## 1. Meta l-anġlu Gabriel ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla.

Fil-laqgħa ta' Awissu 1996, Ġuża qalet: "Maż-żmien din it-tfajla bdiet tinġabar lejn il-kbir Alla bil-fiduċja tagħha, biex tkompli titqaddes aktar u l-kbir Alla batilha lill-Arkanġlu Gabrijel biex iħabbrilha dik il-bxara hekk kbira u sabiħa li għandha ssir l-Omm kbira u għażiża tal-Iben tal-kbir Alla, tal-maħbub u twajjeb Ġesù tagħna, il-feddej tagħna li ġie bil-permess kollu tal-kbir Alla u bl-opra tal-Ispirtu s-Santu. Dan huwa misteru kbir ħafna kif din it-tarbija ġiet mingħand din l-Omm qaddisa, verġni u kasta li hija l-Madonna... Meta feġġ dak il-messaġġier quddiemha qalilha: 'Inti għandek tkun l-omm tal-Iben t'Alla u din it-tarbija li ħa jkollok trid tatiha isem fuq l-ismijiet kollha. L-isem tagħha tant ħa jkun kbir.'... Ara naqra kemm għamlet magħna l-Madonna li ġabitilna lil Ġesù fid-dinja bil-permess ħanin u ġentili tagħha."

## 2. Marija marret iżżur lil qariba tagħha Santa Eliżabetta.

F'messaġġ li nqara fil-laqgħa ta' Frar 1997, Ġuża qalet: "Ġesù qalli: "Inti qegħda tbati ħafna, għandek il-pjagi tiegħek li qegħda toħodhom minn fuqi, kemm ta' idejk, kemm ta' riġlejk. Qalbek dejjem imfarrka u nkwetata biex titlob għall-bżonnijiet tal-imwarrbin, għall-bżonnijiet tal-midinbin u għall-bżonnijiet ta' dawk in-nies li huma kontra dak kollu illi jgħid Missieri li huwa Missierek. Itlob għalihom ħafna dawn in-nies ħalli qalbhom ma tibqax tal-azzar imma ssirilhom qalb tal-laħam, li jħossu għal ħaddieħor, li jagħdru u jirriflettu fuq ħaddieħor. M'hux dawn li għandhom naqra poter ma jiftakrux f'dak l-innu sabiħ li qalet ommi Marija meta kienet ħa ġġib fid-dinja lili. Jiena kont diġa nżilt mis-sema f'ġisem ta' tarbija mħaddan mal-għażiża Ommi u ommok Marija, meta marret tgħin lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta.
U din qaltilha: 'U dana kif omm Sidi tiġi għandi?' U hija qaltilha: 'Għażiża, il-Mulej Alla tal-Eżerċiti għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Jiena ħa nwelled tarbija u din it-tarbija tant hi kbira għax hija l-Iben t'Alla u barra li hija l-Iben t'Alla ħa nagħtiha isem fuq l-ismijiet. L-isem tagħha ħa jkun Ġesù u anka fl-abbissi tal-Infern ukoll iħossuha l-kelma ta' Ġesù.'"



## 3. Ġesu twieled fl-għar ta' Betlem.

Fil-messaġġ li nqara fi Frar 1997 Ġuża qalet: "Ix-xahar li ngħidulu tal-Milied, ix-xahar ta' Diċembru, huwa x-xahar tal-kbira ħniena t'Alla u tal-maħbub Mulej Ġesù, ta' meta r-Reġina sidtna Marija ġabitu fid-dinja... Ix-xahar ta' Diċembru huwa x-xahar tal-ħniena infinita tal-Missier Etern li batilna lil Ibnu feddej, setgħan u kbir fid-dinja... Hija ġrajja ta' mħabba, ġrajja ta' paċi illi Ġesù ġie fid-dinja u ħa x-xbiha tagħna, permezz ta' tarbija. Il-Mulej Ġesù f'kollox għamel li jkun sura ta' bniedem. Qabel il-sura tal-bniedem, imma, hemm il-Persuna Divina ta' Alla, għaliex il-Mulej Ġesù kien Iben il-kbir Alla. Għalhekk għandna ħafna għalfejn ngħidu: "Ikun imbierek Alla ta' Missirijietna, ta' min ifaħħru u jgħollih fuq kollox għal dejjem. Ikun imbierek l-isem t'Alla, ikun imbierek Alla ta' missirijietna illi ħarstu tasal sal-qiegħ tal-infern, ta' min ifaħħru u jgħollih fuq kollox għal dejjem. Ikun imbierek l-isem setgħani tal-kbir Alla, għaliex ħarstu tasal sal-abbissi fondi tal-baħar, sa kullimkien. Alla jarana, Alla jismagħna, Alla jaf bina, Alla jekk inkunu fil-grazzja Tiegħu, ikun jaf li aħna fil-grazzja Tiegħu u jekk ma nkunux fil-grazzja Tiegħu ikun jaf li ma aħniex fil-grazzja Tiegħu."

## 4. Meta Marija Santissima ppreżentat lil binha Ġesu fit-Tempju.

F'messaġġ irrekkordajt minn Ġuża f'Marzu 1994 hija qalet: "Meta l-Madonna ppreżentat lill-Mulej Ġesù lil San Xmun, dan qalilha, 'Sejf ħa jinfidlek qalbek permezz ta' din it-tarbija.' Imma issa aktar minn seba' duluri għandha l-Madonna... Jisgħobiha l-Madonna għal dawn il-widien ta' dlam li qegħda timxi bihom id-dinja bħalissa. Il-Madonna m'għadniex narha bħassoltu jiena. Dak il-wiċċ tagħha x'ħin tarah jimpressjonak għall-mewt... Il-Madonna qegħda fil-glorja t'Alla, fis-sema, imma għad-dinja qegħda tbati mmens."

## 5. Meta Sidtna Marija tilfet lil binha Ġesu u wara tliet ijiem sabitu fit-tempju jiddisputa mad-dutturi.

F'messaġġ ieħor Ġuża tgħid li l-Madonna qaltlilha, "Anka kellna t-telfien Tiegħu, ta' Ġesù. Meta jiena u l-missier putattiv Tiegħu Ġużeppi, għidnielu, 'Għaliex għamiltilna hekk?' Ir-risposta Tiegħu kienet: 'għax jiena rrid nagħmel ir-rieda ta' Missieri.' U jiena fhimt li dik ir-rieda kienet ir-rieda ta' Alla, u la kienet ir-rieda t'Alla u la Alla ried hekk, jiena wkoll ridt hekk biex dan il-ġid immens, hekk kbir bejn is-sema u l-art ikun suċċess mija fil-mija.

Fil-laqgħa tad-19 ta' Lulju 1992, Ġuża qalet: "Il-Madonna ma qaditx bi kwieta qabel ma fittxet lil Ġesù flimkien ma' l-għarus tagħha San Ġużepp mat-toroq kollha ta' Ġerusalem biex imbagħad sabuħ fit-tempju jiddisputa mad-dutturi.

Qegħdin infittxuh aħna lill-Mulej Ġesù tal-Ewkaristija meta nitilfuh minħabba d-dnub? Ma għandniex noqogħdu bi kwietna meta nitilfu il-maħbub Mulej tal-Ewkaristija rigward id-dnub, imma għandna nfittxuh għal darba, tnejn, tlieta, erbgħa, kemm jagħtina ċans biex insibuh fl-Ewkaristija. Aħna qegħdin infittxuh lill-proxxmu tagħna biex ngħinuh? Infittxuh lill-proxxmu meta jkun fit-tbatija?"

## 6. Meta Sidna Ġesu Kristu tgħammed fix-Xmara Gordan

Ftit qabel il-laqgħa ta' Novembru 1993, fuq programm televiżiv kien intqal li l-magħmudija hija parti mill-kultura ta' pajjiż. Kien għalhekk li Ġuża qalet, "Ara naqra f'hiex waqgħet Malta tafux... Min mhux mgħammed u min hu mgħammed xorta waħda għandu dritt illi jidħol fil-glorja tas-sema pajjiżna, eżatt għala le. Imma għandna nitolbu għal dawk li ma jemmnux biex jekk Alla jrid jiġu fit-twemmin tagħna. Imma meta s-Sinjur tagħna Ġesù Krsitu kiber u mar jitgħammed fix-xmara Ġordan dana fuqu deher it-Tielet Persuna tas-Santissima Trinità u l-Mulej Alla qal, 'Dan hu Ibni illi Jiena fih insib il-għaxqa Tiegħi.' U Kristu stess qalilhom, 'morru u għammdu fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.'"

## 7. Meta Sidna Ġesu Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana

Fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1996, Ġuża qalet: "Imbagħad fit-tieġ ta' Kana Ġesù għamel dak il-miraklu hekk kbir tal-inbid. Dan Hu għamlu wara li l-għażiża ommna Marija qaltlu xi kelma, u Ġesù bl-imħabba Tiegħu kollha u bir-rispett qalilha: 'Mara, għadha ma waslitx is-siegħa Tiegħi.' Imma dak li qaltlu l-Madonna Hu talab għalih lill-Missier Etern u għamel kollox. Kemm għamel għall-imħabba tagħna l-Mulej Ġesù tal-Ewkaristija flimkien mal-Madonna meta kien fid-dinja."

## 8. Meta Sidna Ġesu Kristu ħabbar is-Saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.

F'messaġġ irrekkordjat minn Ġuża fis-snin tmenin hija qalet li l-Madonna qaltilha: "Bħalma qal Ġesù fid-dar ta' Pilatu: 'is-saltna Tiegħi mhix f'din l-art, is-Saltna Tiegħi hi fil-Belt ta' Missieri, fil-belt imqaddsa t'Alla', imma tant l-għedewwa ta' Kristu huma nfami li dan ma emmnuhx u baqgħu sakemm naxruħ fuq is-salib, b'imsiemer kiefra li nifdu lil idejh u riġlejh. Ibni Ġesù kellu appostolat fid-dinja. U dana veru minnu kien, għaliex mill-mewt ta' Ibni Ġesù ikkonvertew ħafna nies, saru ħafna, ħafna qaddisin, imma għad baqa' ħafna u ħafna nies illi ma jemmnux f'Alla, illi 'l bogħod minn Alla, il bogħod minn dak it-twemmin li għallem Ibni Ġesù."



## 9. Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.

F'messaġġ irrekkordjat minn Ġuża fil-11 ta' Marzu 1990 hija qalet: "F'dak l-evanġelju hekk sabiħ ta' nhar it-tieni Ħadd tar-Randan, rajna kif Ġesù ittrasfigura ruħu u ġib ruħu quddiem l-appostli b'daka l-ġmiel divin u qaddis li kien jistennih fil-glorja tal-Missier Etern, li hija l-Ġenna. Ittrasfigura ruħu b'dak il-ġmiel sabiħ u qaddis illi l-Missier Etern qallu, 'Għażiż Ibni, jiena fik insib il-għaxqa tiegħi.'"
Fl-laqgħa oħra tas-6 ta' Awwissu 1995 Ġuża qalet: "illum il-festa, l-aqwa festa li għandu Kristu, is-Salvatur. Jiena kull filgħodu ngħidha din it-talba: Sinjur Ġesù Kristu Salvatur tad-dinja salva lill-gżejjer ta' Malta u Għawdex, lir-Russja u lid-dinja kollha, aħna lkoll li nemmnu."

## 10. Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru tal-Għid.

F'messaġġ irrekkordjat minn Ġuża f'April 1988 hija qalet, "Ħafna għandna nfaħħruh lill-Mulej, ħafna għandna nkunu devoti tal-Ostja divina, l-Ostja kkonsagrata fl-Ewkaristija. Għandna nroddu ħajr lil Alla ta' dawn il-grazzji kbar illi tana meta bagħtilna lil Ibnu Ġesù fid-dinja permezz tal-Ispirtu s-Santu u tal-Madonna, rigward li Ġesù meta kien għadu fid-dinja għamlilna tifkira l-aktar sabiħa u l-aktar għażiża tal-Ewkaristija. Mhux biss għandna nfaħħruha l-Ewkaristija, imma nersqu lejha għax Hu stess qal: 'Min jirċievi l-Ewkaristija ta' sikwit jew kuljum, postu għandu jkun fis-sema.' Ara naqra x'wegħda sabiħa u kbira għamlilna Ġesù rigward dawn l-affarijiet, kemm ta' min ifaħħarha l-Ewkaristija, kemm ta' min imaqdar lil dawk in-nies illi joħduha kontra l-Ewkaristija, jidgħu bl-Ostja! Kristu qiegħed bil-ġisem u bid-demm u bir-ruħ u bl-ispirtu ta' Iben Alla fl-Ewkaristija..."

*N.B. F'ħarġa oħra jiġu ppubblikati il-misteri tat-tbatija u tal-glorja.*

**Sylvana Spiteri LL.D**

## RINGRAZZJAMENT

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jirringrazzja lil dawk il-qarrejja li jibagħtu xi donazzjoni sabiex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Għalkemm il-Fuljett jitqassam bla ħlas imma l-ispejjeż tal-istampar u tal-posta huma sostanzjali u għaldaqstant kull donazzjoni hija ferm apprezzata. Inwegħdu t-talb tagħna lil dawn il-benefatturi. Il-Mulej iberrikkom, il-Madonna żżommkom taħt il-protezzjoni tagħha u Ġuża Mifsud tinterċedi għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tat-tnejn u għoxrin anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**

## *LIVE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI

F'dawn l-aħħar xhur, il-laqgħat ta' talb li jsiru kull l-ewwel u kull tielet Ħadd tax-xahar fil-Girgenti qegħdin jixxandru *live* fuq il-paġna ta' *Facebook* Madonna tal Konsagrazzjoni. Dan huwa mezz kif dawk li ma' jkunux jistgħu jattendu għal-laqgħat, xorta jkunu jistgħu isegwu t-talb li jsir u jħallu l-kummenti u l-intenzjonijiet tagħhom. Inħeġġukom sabiex dejjem tagħmlu *share* kemm tal-laqgħat kif ukoll tal-informazzjoni l-oħra li tittella' fuq il-paġna Madonna tal Konsagrazzjoni.

## TALBA TA' INTERĊESSJONI

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen. *Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. mis-Siġġiewi** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Hija tgħid li daħlet l-isptar b'virus minn gidma ta' insett u kienet f'xifer il-mewt. Tgħid li talbet lill-Madonna u lil Ġuża u reġgħet ħadet saħħitha lura.

**N.N. mill-Mosta** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**M. Micallef mir-Rabat** fost affarijiet oħra kitbet hekk: Grazzi ħafna li tibgħatuli Leħen il-Girgenti d-dar għax vera nħobb naqrah. Jiena għandi fiduċja kbira f'Ġuża għaliex kulma nitlobha dejjem taqlagħli li jkolli bżonn. Jiena kuljum ngħid it-talba tagħha għal aktar minn darba. Nikkonferma li kelli t-tifla ta' oħti kienet tqila. Kellha baby boy u għal grazzja tal-ħanin Alla kollox ġie b'wiċċ il-ġid. Qabel dan kellha korriment u kienet ħaditha bi kbira ħafna. Jiena wegħedha li ser nitlob għaliha lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud u hekk għamilt. Grazzi Mulej...

## TALBA

Alla Missier, Alla glorjuż, Alla kbir, Alla qawwi, Alla mmortali, Ġesù li għalina ħadt il-passjoni, Ġesù li għalina ħadt mewta l-aktar kiefra fuq dik l-injama tas-salib, ikollok ħniena minna, ikollok ħniena mill-Maltin u l-Għawdxin kollha, ikollok ħniena minn fejn hemm il-gwerer u l-ġlied u l-intoppi u ħafna żerriegħa ta' mibegħda lejn xulxin. Nitolbu għar-rappreżentanti tal-ġnus illi uħud minnhom m'humiex jużawh lil kbir Alla Missier, flimkien ma Ibnu Ġesù, flimkien ma l-Ispirtu s-Santu, flimkien mar-Reġina tas-sema u l-art. J'Alla l-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Madonna tal-Girgenti tagħtina l-grazzja li kemm f'Malta u fid-dinja jkollna l-paċi. *Glorja lill-Missier...* (Ġuża Mifsud)